# 10 Snin Sezzjoni Żgħażagħ

L-Għaqda Banda Żejtun sa mit-twaqqif tagħha wriet li għandha ideat progressivi u li dejjem mxiet mall-milja taż-żminijiet .

Is-sehem taż-żgħażagħ minn dejjem kien importanti biex ikattru, u jkabbru dak li ta' qabilhom kienu żergħu. Iċ-ċirkustanzi taż-żminijietna wrew li s-Sezzjoni Żgħażagħ hija pilastru ewlieni fit-tmexxija tas-soċjetà.

Kien lura fl-1995 meta grupp ta' żgħażagħ iddeċidew li jinqatgħu mill-Kummissjoni Pandora biex tiġi mwaqqfa s-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Banda Żejtun.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ twaqqfet uffiċċjalment nhar it-18 ta' Ġunju 1996, sewwa sew 10 snin ilu.

Minn dakinhar bdiet ħidma sfieqa ta' attivitajiet biex fost oħrajn il-festa setgħet titgawda iktar peress li fis-sajf it-temp jippermetti. Bdew isiru bosta attivitajiet ġodda li mall-milja taż-żmien ġibdu iktar żgħażagħ . Is-sehem tagħhom hu wieħed kbir li jirrikjedi bosta xogħol u sagrifiċċji personali. Impenn tul is-sena kollha minn Jannar sa Diċembru. Fost l-attivitajiet ewlenin insemmu l-kompetizzjoni tal-Karnival, l-impenn fil-Gimgħa Mqaddsa bil-pageant u s-sehem sħiħ fil-Festa tal-Irxoxt, sa ma naslu għall-festa tal-Patruna



Santa Katerina, il-qofol tal-ħidma totali taż-żgħażagħ tagħna.L-imħabba taż-żgħażagħ tagħna lejn il-Patruna Katerina żgur li qatt ma naqset, iktar u iktar matul dawn l-aħħar snin, hekk li f'Lejlet il-Festa jagħtu sehemhom fit-Translazzjoni. Solenni flimkien mall-fratellanza tas-Santissimu Sagrament b'radd il-ħajr ta' l-għajnuna u l-barka li żżomm fuqhom.

Il-ħidma taż-żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Banda Żejtun tul dawn l-aħħar 10 snin paxxiet lill-Partitarji u nies oħra b' armar maħdum b'sengħa kbira u dedikazzjoni liema bħalha.

Dawn il-proġetti jirrikjedu finanzi sostanzjali imma dan qatt ma qata' qalb iż-żgħażagħ tagħna, tant illi matul din l-aħħar sena u nofs twaqqfet fergħa oħra dinamika fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ iġifieri r-RedFaith Promotions.

Għax iż-żgħażagħ tagħna għarfu l-potenzjal li għandu l-Każin tagħna. Kull xahrejn bdew isiru l-famużi parties kbar u nodfa tal-Ħadd wara nofsinhar ġewwa t-teatru Pandora. Es Paradis Terrenal jilqgħu fihom mijiet ta' żgħażagħ minn kull rokna ta' Malta u Għawdex bl-għajnuna u ko-ordinament mal-forzi ta' l-ordni biex b'hekk kollox imur ħarir.

Minn xogħol ta' impenn bażiku, iż-żgħażagħ ta' l-Għaqda Banda Żejtun daħlu għal xogħol aktar professjonali b'teknika u dinamika mekkanika ta' l-ogħla livell. Hekk f'għaxar snin, minn xogħol artistiku mżejjen bi fjuri tal-karti spiċċajna b'umbrella bi tlett sistemi ta' hydraulics.

U d-daqs?! Dijametru ta' 17-il metru u għolja 13-il metru , rigal xieraq għall-Festi Ċentinarji tas-sena l-oħra.

L-opri artistiċi li ħadmu ż-żgħażagħ tal-Banda Żejtun mill-bidu kienu jirrikjedu disinni ta' ħila , tħejjija ta' abozzi fit-tafal, xogħol tal-forom fil-ġibs u iffurmar bil-fibre glass. Mal-milja tas-snin, l-esperjenza għallmet





u sarrfet fi prodott li fejn jidħol l-armar tal-marċi, il-Banda Żejtun għandha biex tiftaħar.

Xi ngħidu mbagħad għax-xogħol tekniku fil-metall u l-ħadid? Għandna żgħażagħ esperti f'dan il-qasam. Xogħol ikkumplikat ferm li jinħtieġ moħħ ippreparat. Il-piżijiet iridu jitqassmu b'sengħa u teknika, aktar u aktar meta jidħol ix-xogħol tal-hydraulics.

Ma rridux inħallu barra l-kontribut u l-għajnuna li s-Sezzjoni Nisa jagħtu liż-żgħażagħ kull fejn jidħol ix-xogħol tad-drapp. ħjata bla waqfien , sfrundar għad-disinji, qtugħ tad-disinji u tqegħid tagħhom skond id-disinn artistiku.

Fl-aħħar snin, ix-xogħol sar tabilħaqq superjuri . L-imrewħa b'dijametru ta' 13-il metru , fin-nofs pittura, Kristu jilqa' lil Santa Katerina, mżejna b'disinn rikk u fil-ġnub żewġ armi bil-motto "Dejjem kellha l-Akbar Qima." Kollox imdawwar b'pavaljun imdendel minn sopraporta artistika.

Fis-sena taċ-Ċentinarju tlestiet il-faċċata, tiżjin li jixraq u li kompla sebbaħ mhux biss il-faċċata tal-każin iżda l-pjazza kollha.

Kien hemm stennija u ħerqa kbira għas-sorpriżi li tħejjew għall-marċ il-kbir.

Il-fjura ddaħlet fil-pjazza quddiem il-knisja u nfetħet fil-bidu tal-marċ . U l-petali bdew jinfetħu biex inkixfet il-pittura li tirrappreżenta ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina. Kemm ferħet il-folla u kemm ċapċpu in-nies !

Iżda l-kbir kien għadu ġej , l-umbrella iddaħlet mimduda. Kien hemm stennija kbira. Kif ser tieqaf? Mad-daqq tal-kurunetti bdiet tieqaf, waqfet dritt xemgħa u bdiet tinfetaħ u tikber sa ma nfetħet kollha u wara telgħet kollha biex inkixfu t-tmien naħat, erba' skudetti u erba' pitturi b'xeni li juru t-tnissil ta' l-isem Żejtun,il-bini tal-Knisja Parrokkjali, donazzjoni ta' Girgor Boniċi, il-martirju ta' Santa Katerina u l-ħruġ tal-Vara Titulari fil-Purċissjoni. Il-folla kienet qed tistenna opra denja taċ-Ċentinarju u ħarġet sodisfatta bil-kbir.

Tul dawn is-snin is-sapport qatt ma naqas mill-Membri, Partitarji u Benefatturi oħra biex b'hekk il-ħidma sfieqa mis-Sezzjoni Żgħażagħ setgħet tkompli.

Ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom matul dawn l-10 snin, snin ta' ħidma b'suċċessi kbar.

Grazzi mill-qalb

Grazzi Sezzjoni Żgħażagħ

Grazzi Banda Żejtun

Grazzi Santa Katerina!

